

31996R0874

L 118/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.5.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 874/96**ta' l-14 ta' Mejju 1996****dwar importazzjonijiet ta' annimali ovini u kaprini ta' razza pura għat-tniissil minn pajjiżi terzi**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal-25 ta' Settembru 1989 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tan-ngħaġ u tal-laħam tal-mogħoż⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1265/95⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi ma jitħallasx dazju ta' importazzjoni fuq annimali ta' l-ispeċi ovini ta' razza pura għat-tniissil li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0104 10 10 u jitħallas fl-livell imnaqqas fuq annimali ta' l-ispeċi kaprini ta' razza pura għat-tniissil fuq importazzjoni fil-Komunità, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0104 20 10;

Billi, sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni proprja tar-regoli tal-Komunità f'dan ir-rigward, l-espressjoni annimal ta' razza pura għat-tniissil għandha tkun iċċarata; billi l-kundizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE tat-23 ta' Ġunju 1994 li tniżżel il-prinċipji li għandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet zootekniki u ġenealoġiċi applikabbli għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' annimali, l-isperma tagħhom, l-ova u l-embrijo, u li temenda d-Direttiva 77/504/KEE dwar annimali ta' razza pura għat-tniissil ta' l-ispeċi bovini⁽³⁾, għandu jkun użat għal dan il-għan;

Billi sabiex ikun assigurat li annimali importati huma fil-fatt maħsuba għat-tniissil għandhom ikunu akkumpanjati miċ-ċertifikat tar-razza jew ta' tniissil għal dawk l-annimali u l-importaturi għandhom jobbligaw rwiehom li jżommu l-annimali ħajjin għal ċertu perġodu;

Billi, iżda importazzjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tniissil li sseħħ fir-reġimi tal-kwota mbassra fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1439/95 tas-26 ta' Ġunju 1995 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 f'dak li għandu x'jaqsmu ma' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tan-ngħaġ u tal-laħam tal-mogħoż⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2526/95⁽⁵⁾, għandha tkun eżentata minn din il-kundizzjoni tad-dwana;

Billi minħabba li m'hemm l-ebda dispożizzjoni għal garanzija li tassigura li dawn l-annimali jinżammu ħajjin għal dak il-perġodu, għandha ssir dispożizzjoni għat-Title VII il-Kapi

tolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-kodiċi doganali tal-Komunità⁽⁶⁾, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93⁽⁷⁾, li tapplika meta l-kundizzjoni dwar dak il-perġodu ma tkunx osservata;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għan-Ngħaġ ul-Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-għan li jinġabru dazji ta' importazzjoni, annimali ta' l-ispeċi ovini jew kaprini għandu jkun ikkonsidrat bħala annimal ta' razza pura għat-tniissil li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0104 10 10 jew 0104 20 10 kif xieraq jekk iħares il-kundizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 94/28/KE.

2. B'żieda, għall-għan tar-Regolament presenti, annimali nisa biss ta' mhux aktar minn erba' snin għandhom jitqiesu bħala nisa ta' razza pura għat-tniissil.

Artikolu 2

1. Qabel ma jiġu rilaxxati fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa annimali ta' l-ispeċi ovini u kaprini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0104 10 10 jew 0104 20 10 kif xieraq u ħlief fejn l-importazzjonijiet iseħħu fir-reġimi tal-kwota skond it-Title II tar-Regolament (KE) Nru 1439/95 għandhom ikunu preżentati lill-awtoritajiet doganali fir-rigward ta' kull annimal kopji taċ-ċertifikat tar-razza u ta' dokumenti oħra li għalihom hemm provdut fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 94/28/KE.

B'żieda, għandha tintbagħat dikjarazzjoni bil-miktub lill-awtoritajiet doganali għall-għan li, minbarra f'każijiet ta' forza maġġuri, l-annimal ma jinqatilx fi żmien 12-il xahar mill-jum li fih jinħareġ mid-dwana.

2. Mhux aktar tard mill-aħħar tal-15-il xahar li jiġu wara dak ir-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa, għandha tintbagħat prova lill-awtoritajiet doganali msemmija fil-paragrafu 1 li l-annimal:

⁽¹⁾ ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 123, tat-3.6.1995, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 178, tat-12.7.1994, p. 66.⁽⁴⁾ ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 7.⁽⁵⁾ ĠU L 258, tat-28.10.1995, p. 48.⁽⁶⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

- (a) ma nqatix qabel ma jiskadi il-limitu ta' żmien preskritt fil-paragrafu 1 u li ġie rreġistrat jew imdaħħal fi ktieb tal-merħla; jew
- (b) ikun inqatel qabel ma skada l-limitu ta' żmien minħabba raġunijiet ta' saħħa jew li miet b'konsegwenza ta' marda jew aċċident.

Il-prova msemmija f' (a) għandha tikkonsisti f'ċertifikat imħejji mill-organizzazzjoni jew assoċjazzjoni ta' min irabbi approvata uffiċjalment mill-Istat Membru skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/254/KEE ⁽¹⁾ jew minn aġenzija uffiċjali ta' l-Istat Membru li jżomm il-ktieb tal-merħla. Il-prova msemmija f' (b) għandha tikkonsisti f'ċertifikat imħejji minn organizzazzjoni uffiċjali nnominata mill-Istat Membru.

3. Nuqqas milli jkunu osservati dawn il-kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-perjodu ta' 12-il xahar, ħlief fejn japplika l-paragrafu 2(b), għandu jirriżulta fi kklassifikar ta' l-annimali in kwistjoni taħt il-kodiċi NM 0104 10 80 jew 0104 20 90 kif xieraq u għandu jagħti lok għall-proċedimenti sabiex ikunu rkuprati id-dazji fuq importazzjoni mhux miġbura skond it-Titolu VII tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-14 ta' Mejju 1996.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 145, tat-8.6.1990, p. 30.